**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ERBGĦA**

**4 ta' Lulju, 2008**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqa, bl-aġenda kif imsejħa għal-laqgħa fit-13 ta' Ġunju,2008 u li ma saritx minħabba nuqqas ta' quorum, fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Silvio Izzi Savona, l-Viċi Sindku Charmaine Grech u l-Kunsilliera Joseph D'Amato, Claudio Zammit, Mauro Pace Parascandalo, Raymond Grixti u Kenneth Farrugia.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**SKUŻATI**

Il-Kunsilliera Mario Ellul u Dino Bonnici

**MINUTI**

Is-Sindku Silvio Izzi Savona ppresjeda.

***4.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

*4.1.1* Is-Sindku Silvio Izzi Savona ressaq din il-mozzjoni:

4.1.2 *"Il-Kunsill japprova l-Minuti tas-seduti numru tlieta u numru tlieta (kontinwazzjoni) kif mressqa."*

4.1.3 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Raymond Grixti u approvata *nem.con.*

*4.1.4* Fir-rigward ta' *item* numru ħamsa tal-minuti tat-tielet seduta, tqajjem il-punt li l-pożizzjoni tal-*Bring In Sites* mhix waħda daqstant feliċi peress li kien jiġi abbużat is-sit u għaldaqstant kien hemm qbil li l-Kunsill jagħmel talba lil *Wasteserv* sabiex tinstalla *camera* ta' sorveljanza.

**4.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

4.2.1 Il-Membri nnotaw ir-rapport dwar il-korrispondenza kollha riċevuta u mibgħuta sas-6 ta' Gunju, 2008, li kopja tiegħu hi anessa ma' dawn il-Minuti bħala dokumenti '4A'.

4.2.2 F'dan l-istadju l-Kunsill ikkunsidra l-applikazzjonijiet ricevuti għal armar ta' kiosks u mwejjed għal festa tal-Madonna tal-Karmnu.

4.2.3 Il-Kunsill ikkunsidra wkoll il-ftehim li kien sar maż-żewġ soċjetajiet mużikali taż-Żurrieq, liema talbiet kienu ġew ikkonfermati b'ittra mibgħuta miż-żewġ soċjetajiet li ġġib id-data tat-28 ta' Mejju, 2008 u li hi anessa ma' dawn il-minuti bħala dokument '4B', flimkien mal-konferma tal-Kunsill tal-ftehim li ntalħaq b'ittra ddatata 10 ta' Ġunju, 2008 u li tinsab anessa ma' dawn il-minuti bħala dokument '4C'.

4.2.4 Il-Kunsill unanimament approva t-talbiet li saru għal armar ta' *kiosks* ta' ikel u xorb fi Triq Dun Ġużepp Zammit hekk kif jidhru fl-iskeda anessa ma' dawn il-minuti bhala dokument '4D', u qabel li tiżdied kundizzjoni li ma jsir l-ebda tip ta' nstallazzjoni ta' apparat jew *wires* tad-dawl li jintużaw mill-kiosks mal-armar tal-festa.

4.2.5 Il-Kunsill unanimament approva t-talbiet li saru għal armar ta' ikel fi Vjal il-Blu Grotto hekk kif jidhru f'dokument '4E' li jinsab aness ma' dawn il-minuti.

4.2.6 Il-Kunsill unanimament ma approvax li *mobile kiosk* tal-ġelat jarma fil-25 u s-26 ta' Lulju f'Misraħ Mattia Preti u dan hekk kif kien miftiehem mal-Pulizija u s-soċjetajiet mużikali, iżda li jista jarma fil-ġranet l-oħra mitluba hekk kif jidher f' dokument '4F' ma' dawn il-minuti.

4.2.7 Il-Kunsill unanimament approva t-talbiet kollha li saru sabiex jarmaw *stands* li jbiegħu il-ġugarelli fi Triq Dun Ġuzepp Zammit hekk kif jidher f'dokument '4G' aness ma' dawn il-minuti.

4.2.8 Il-Kunsill unanimament approva t-talbiet kollha li saru sabiex jarmaw *kiosks* tal-qubbajd fi Triq PP Saydon hekk kif jidhru fid-dokument aness '4H', għajr għat-talba f'posta numru 4 fejn kien approvat li dan jimxi għal posta numru 7, peress li l-Kunsill kien qabel ma' proposta tas-soċjetajiet mużikali sabiex ikun hemm aċċess aħjar għal-armar f'dik iż-żona.

4.2.9 Fir-rispett tal-*kiosks* tal-qubbajd, il-Kunsill qabel ukoll li jiżdiedu kundizzjonijiet ġodda miftiehma maż-żewġ soċjetajiet mużikali, illi jinkludu li ma jistgħux jgħattu armar tal-festa, li l-*kiosks* jarmaw mal-bankina, u li ma jqegħdu xejn fuq l-armar tal-festa.

4.2.10 Il-Kunsill unanimament approva t-talbiet li saru għal armar ta' kiosks ta' ikel u xorb fi Triq Carmelo Caruana hekk kif jidher f' dokument '4I' aness ma' dawn il-minuti.

4.2.11 Il-Kunsill unanimament approva t-talbiet li saru għal-armar ta' mwejjed hekk kif aness ma' dawn il-minuti bħala dokument '4J', bl-eċċezzjoni tat-talba tas-Sur Albino Barbara (Terminus Bar) illi ma kienx approvat li jarma mwejjed f' Misraħ Mattia Preti nhar il-25 u s-26 ta' Lulju, 2008 kif ukoll tas-Sur Iven Borg (Kazin Partit Laburista) illi t-talba tonqos għal tmien metri kwadri fi Triq PP Saydon, u dawn hekk kif kien miftiehem mal-Pulizija u l-għaqdiet mużikali sabiex fil-każ ta' Misraħ Mattia Preti ma jkunx hemm periklu waqt l-għoti tan-nar ta' l-art filwaqt li fil-kaz ta' Triq PP Saydon sabiex ikunu jistgħu jgħaddu l-attivitajiet reliġjuzi u dawk mużikali.

4.2.12 Il-Kunsill kien infurmat b'dak li sehh fir-rigward tad-delegazzjoni li kellha tattendi f'Angermunde, fejn irrizulta li wara ħafna tibdil li seħħ wara l-ħruġ tal-biljetti tal-ajru, kien biss il-Kunsillier Mario Ellul li kien qed jirrappreżenta lil Kunsill fiċ-ċerimonja tal-anniversarju mit-twaqqif tal-belt ta' Angermunde.

4.2.13 Il-Kunsill inotta b'sodisfazzjon li kien l-ewwel li miegħu nbeda l-proċess ta' konsultazzjoni għar-riforma fil-Kunsilli Lokali fejn kienet saret laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Chris Said fl-uffiċju tal-Kunsill.

4.2.14 Kien diskuss ukoll il-komunikati li jsiru mill-belt ta' Angermunde fejn kien deċiz li s-Sindku jinforma lis-Sindku tal-belt Ġermaniza sabiex kull tip ta' korrispondenza min-naħa tagħhom issir bl-Ingliż.

4.2.15 Il-Kunsill approva talba mingħand is-sezzjoni żgħażagħ tal-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria sabiex il-Kunsill jipprovdi żewġ *mobile toilets* u *dust bins* għal attivita li kienu se jorganizzaw.

4.2.16 Il-Kunsill, wara li kkunsidra talba li saret mill-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria sabiex jiġu maqlugħa żewġ bankijiet sabiex jiġi armat in-nar tal-art f'Misraħ Mattia Preti, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jixtri *fire blankets* oħra u l-imsemmija bankijiet jiġu mgħottija bħal ma jsiru oħrajn fl-istess misraħ.

4.2.17 Il-Kunsill wara li kien mgħarraf li ċ-Ċentru Sportiv PP Saydon ma kienx hemm ħsieb li jinvolvu lil Kunsill Lokali imma lil għaqdiet sportivi, kien hemm qbil li xorta waħda jiġi propost li dan iċ-ċentru jiġi msemmi għal sportiv Żurrieqi, Mario Schembri.

4.2.18 Il-Kunsill kien mgħarraf li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien naqqas l-ammont ta' €140 bħala ħlas lil *internet provider* għas-servizz b'xejn ta' *wireless internet.*

4.2.19 Il-Kunsill approva donazzjoni ta' €125 lil klabb *Futsal* bħala kontribuzzjoni għal maratona ta' futbol li ser itellgħu.

4.2.20 Il-Kunsill approva li jagħmel tajjeb finanzjarjament għal attivita sportiva li qed itella flimkien maż-Żurrieq Wolves ASC billi jħallas għas-servizz tal-ftuħ tal-iskola stmat li jlaħħaq għal €160.

4.2.21 Is-Sindku nforma lil Kunsill b'tibdil fir-responsabilitajiet tal-Kunsiliera u li issa ġew kif inhu aness f' dokument '4K' aness ma' dawn il-minuti.

4.2.22 Is-Sindku nforma lil Kunsill li wara diskussjonijiet li kienu saru maż-żewġ soċjetajiet mużikali kienu saru żewġ talbiet għal xogħlijiet mill-Kunsill, waħda li tikkonċerna ħofra għan-nar ta' l-art f'Misraħ Mattia Preti u l-oħra sabiex l-arblu tal-lokalita jiċċaqlaq min Triq il-Belt Valletta għal Vjal il-Blu Grotto, fejn wara diskussjoni l-Kunsill approva ż-żewġ talbiet li saru.

4.2.23 Il-Kunsill kien ukoll infurmat li fir-rigward ta' talba oħra li saret miż-żewġ soċjetajiet mużikali, kien saret laqgħa bejn rappreżentanza tal-Kunsill u taż-żewġ soċjetajiet fir-rispett ta' *bollards*, fejn il-Kunsill kien infurmat li qed jinġabru l-istimi kif ukoll li kienet saret it-talba lill-Awtorita dwar it-Trasport.

### *4.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Estimi Annwali għas-sena 2008-09*

4.3.1 Il-Kunsill kien ippreżentat mis-Segretarju Eżekuttiv b'kopja tar-rapport dwar l-indikatur finanzjarju għar-raba kwart tas-sena, u li jkopri x-xhur bejn Jannar u Marzu, 2008 u li jinsab aness bħala dokument '4L' kif ukoll l-abbozz finali tal-Estimi Annwali għas-sena finanzjarja 2008-09, li kopja tagħhom hi anessa ma' dawn il-minuti bħala dokument '4M'.

4.3.2 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

4.3.3 *"Il-Kunsill japprova r-Rapport dwar l-Indikatur finanzjarju li jkopri p-perjodu bejn Jannar u Marzu, 2008 kif ukoll l-Estimi*

*Annwali għas-sena finanzjarja li tintemm f' Marzu, 2009, kif imressqa."*

4.3.4 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku u approvata unanimament.

**4.4 Sejħa għall-Offerti: *Contracts Manager* - Indafa**

4.4.1 Il-Kunsillier Claudio Zammit daħal għal laqgħa f'dan l-istadju. (8.00pm)

4.4.2 Il-Kunsill qabel li jkompli bid-diskussjoni dwar dan l-*item* għalkemm il-Kunsillier li ressaq il-proposta fil-laqgħa preċedenti ma kienx preżenti.

4.4.3 Inbdiet id-diskussjoni billi l-Kunsill kien mgħarraf mis-Segretarju Eżekuttiv x'inhu r-rwol ta' *Contract Manager*, nkluż li jagħti sorveljanza waqt l-għoti tas-servizzi ta' ndafa fil-lokalita, l-ħruġ ta' *default notices* meta ma jkunx qed jitwettaq is-servizz kif rikjest kif ukoll taċ-ċertifikazzjoni tat-talbiet ta' ħlas mill-kuntratturi qabel jitressqu fil-Kunsill għal approvazzjoni tal-ħlasijiet.

4.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv semma wkoll li mill-aspett finanzjarju jara li hu vijabbli li jkun hemm persuna appuntata f'din il-kariga bħalma hu l-każ li l-Kunsill għandu Perit sabiex jiċċertifika x-xogħlijiet ta' nfrastruttura.

4.4.5 Diversi Membri tal-Kunsill esprimew illi fil-passat il-Kunsill kellu persuni f'din il-kariga imma qatt ma ħallew l-effett mixtieq u kien għalhekk meqjus li l-ammont ta' flejjes li jiġu mħallsa lil *Contracts Manager* jista jsiru affarijiet oħra għal ġid tal-lokalita.

4.4.6 Kien ukoll indikat illi r-rwol ta' *Contracts Manager* isir mill-ilmenti li jidħlu fil-Kunsill u jkunu trattati mill-*istaff* tal-Kunsill kif ukoll li għandu jkun hemm l-involviment tal-Kunsillier responsabbli li jagħmel sorveljanza tas-servizzi ta' ndafa li jkunu qed jingħataw.

4.4.7 Kien imsemmi li għandha ssir kampanja edukattiva fuq il-*magazine* tal-Kunsill sabiex ir-residenti jkunu aktar viġilanti u jagħmlu r-rapporti lil Kunsill fejn jaraw nuqqasijiet mill-kuntratturi.

4.4.8 Wara li kien diskuss il-kwalita ta' servizz tal-knis u l-ġbir tal-iskart, fejn kien inottat li jidhlu diversi lmenti, kien hemm qbil li s-Sindku jiltaqa mal-kuntrattur sabiex iwissih li l-Kunsill qed jistenna servizz aħjar.

4.4.9 Il-Kunsillier Mauro Pace Parascandalo kien skużat mil-laqgħa f' dan l-istadju. (8.20pm)

4.4.10 Fi tmiem id-diskussjoni, kien hemm qbil unanimu mill-Membri kollha preżenti illi l-Kunsill ma għandux joħroġ sejħa għall-offerti għal-*Contracts Manager* fuq is-servizzi ta' ndafa peress li din mhux soluzzjoni għal għoti ta' servizzi aħjar mill-Kunsill.

***4.5 Estenzjoni ta' Kuntratti***

4.5.1 Il-Kunsill kien mgħarraf mis-Segretarju Eżekuttiv li l-kuntratt tal-ġbir ta' l-iskart domestiku ser jiskadi t-terminu tiegħu iżda li kien jista jiġi estiż għal perjodu ieħor ta' sena.

4.5.2 Il-Kunsillier Raymond Grixti ressaq din il-mozzjoni:

*4.5.3 "Il-Kunsill jaqbel li l-kuntratt tal-knis tat-toroq, bejn il-Kunsill u s-Sur Philip Seguna (Always Clean), jiġi estiz ghal perjodu iehor ta' tnax-il xahar."*

4.5.4 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Kenneth Farrugia u approvata unanimament.

***4.6 Ħatra ta' Bord ta' l-Għażla - Ingaġġ ta' Skrivan/a Part Time***

4.6.1 Il-Kunsill kien infurmat bil-proċess li wasal fih l-ingaġġ ta' skrivan *part-time*, fejn il-Kunsill ried jaħtar bord ta' l-għażla sabiex ikun jista jivverifika l-applikazzjonijiet li waslu minn

kandidati mibgħuta mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ u li qed ifittxu xogħol skond il-kriterji ta' *Part 3* ta' reġistrazzjoni għal xogħol.

4.6.2 Wara diskussjoni l-Kunsill approva l-ħatra tal-Bord tal-Għażla għal Ingaġġ ta' mpjegat/a *part time.*

4.6.3 Kien unanimament approvat li dan ikun kompost mis-Sindku, l-Viċi Sindku, l-Kunsillier Mario Ellul, l-Kunsillier Raymond Grixti, l-Kunsillier Kenneth Farrugia flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

4.6.4 F'dan l-istadju tal-laqgħa, l-Kunsill fuq talba tas-Segretarju Eżekuttiv, ikkunsidra mill-ġdid il-bżonn ta' mpjegat *full time.*

4.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv elenka mill-ġdid il-bżonnijiet amministrattivi u obbligi ta servizz liċ-ċittadini kif ukoll lejn il-Kunsill, meta wieħed jikkunsidra li l-Kunsill żdied b'żewġ Membri kif ukoll li l-popolazzjoni taż-Żurrieq żdiedet bil-bosta.

4.6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ta eżempju tas-sitwazzjoni preżenti fejn għal ħin twil il-Kunsill qed jispiċċa b'impjegata waħda u jekk din ikollha l-bżonn ta' *leave* jew *sick leave* l-ufficju jkollu jagħlaq.

4.6.7 Il-Kunsillier Joseph D'Amato semma li fl-opinjoni tiegħu ma jarax li hemm bżonn ta' iktar mpjegati minn dak *part time.*

4.6.8 Mistoqsi, s-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsill li t-talba tiegħu mhu se tinvolvi lil Kunsill fl-ebda spiża straordinarja peress li l-impjegati qed ikollhom jagħmlu ħin konsiderevoli ta' *overtime* sabiex ilaħħqu ftit max-xogħol amministrattiv.

4.6.9 Il-Viċi Sindku semmiet li kienet taqbel li l-Kunsill għandu fejn jimpjega persuna *full time* peress li hu mportanti li l-Kunsill joffri servizzi ta' kwalita u dan meta wieħed iqis il-volum tax-xogħol amministrattiv li jrid isir biex jintlaħqu dawn il-miri.

4.6.10 Sar dibattitu dwar il-proposta tas-Segretarju Eżekuttiv, fejn f'punt partikolari saret allegazzjoni mill-Kunsillier Joseph

D'Amato li kull min kien qiegħed fuq il-mejda jaħti għas-sitwazzjoni preżenti, u d-dewmien biex tiġi ingaġġata persuna *part-time*.

4.6.11 Is-Segretarju Eżekuttiv, filwaqt li talab il-protezzjoni tas-Sindku għal din l-allegazzjoni, staqsa jekk l-*istatement* magħmul mill-Kunsillier D'Amato kien qed jirriferi għalih ukoll.

4.6.12 Il-Kunsillier D'Amato nsista li hu qed jirreferi għal kull ħadd, nkluż is-Segretarju Eżekuttiv u li kien hemm mumenti fejn il-proċess seta tħaffef.

4.6.13 Is-Segretarju Eżekuttiv filwaqt li ċaħad din l-allegazzjoni, għarraf lil Kunsill li kien ser jitlob lid-Direttur, Gvern Lokali sabiex jinvestiga din l-allegazzjoni.

4.6.14 Il-Kunsillier Raymond Grixti qal li hu jifhem liż-żewġ partijiet u talab li tinstab soluzzjoni għal ġid tal-Kunsill.

4.6.15 Qabel intemmet id-diskussjoni l-Kunsill evalwa l-ammont ta' *overtime* li jsir mill-impjegati tal-Kunsill, fejn irriżulta li f'xahar wieħed l-impjegati wettqu madwar tmien mitt Ewro f' *overtime*.

4.6.16 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li s-Segretarju Eżekuttiv ma jistgħax jagħti *overtime* lill-impjegati qabel ikollu l-approvazzjoni tal-Kunsill.

4.6.17 Il-Viċi Sindku semmiet li dawn huma ħwejjeġ relatati ma' tmexxija amministrattiva u li s-Segretarju Eżekuttiv, bħala l-Kap Amministrattiv, għandu r-responsabilita ta' doveri simili.

4.6.18 Il-Kunsillier Joseph D'Amato tenna li l-Kunsill għandu jkun dak li japprova *overtime* fit-tul u mhux is-Segretarju Eżekuttiv.

4.6.19 Il-Viċi Sindku ħalliet il-laqgħa f'dan l-istadju. (9.08pm)

4.6.20 Il-Kunsillier Claudio Zammit semma li l-Kunsill kien diġa ddeċieda li jmur għal impjegat *part time* u li għaldaqstant għandu jibqa miexi b'dan il-proċess peress li skond il-Liġi din id-deċiżjoni tibqa tgħodd għal sitt xhur.

4.6.21 Fi tmiem id-dibattitu, s-Sindku ipporopona li l-Kunsill għandu jibqa għaddej il-proċess li jingaġġa persuna *part time* mal-Kunsill, liema proposta kienet approvata mill-Kunsill unanimament.

## *4.7 Approvazzjoni: Twaqqif ta' Sotto Kumitati*

4.7.1 Ma kien hemm l-ebda proposta biex jitwaqqaf xi sotto kumitat.

## 4.8 *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Xogħlijiet, Attivitajiet u Servizzi*

4.8.1 Il-Kunsill approva tiswijiet fi Triq Widnet il-Baħar u Triq G.M. Callus.

4.8.2 Il-Kunsill approva li jiġu miżbugħa mill-ġdid is-sinjali tat-traffiku fi Triq iċ-Ċombini u Triq Alessandru filwaqt li kellu jiġi mistħarreġ għalfejn sinjali oħra fi Vjal il-Blu Grotto ma sarux.

4.8.3 Kien hemm qbil li jsir tindif ta' Triq il-Barrieri.

4.8.4 Il-Kunsill approva li jingħata rigal lil anzjani fi zjara li ser issir f'isem il-Kunsill lil dawk residenti fir-Residenza għall-anzjani San Vincenz de Paule.

4.8.5 Il-Kunsill qabel li tiġi ordnata tabella ta' merħba li tkissret mal-konfini tal-Qrendi.

4.8.6 Il-Kunsill approva li jsir qtugħ ta' ħaxix fi Triq Ferdinandu Falzon.

4.8.7 Il-Kunsill approva li jsiru mill-gdid sinjali tat-traffiku fi Triq PP Saydon, madwar iz-zuntier tal-Knisja Parrokjali.

4.8.8 Kien hemm qbil li fl-aġenda tal-laqgħa li jmiss ikun diskuss is-sistema tat-traffiku fiż-Żurrieq.

4.8.9 Il-Kunsill qabel li jinġiebu l-permessi tal-ADT sabiex issir *sleeping policeman* fil-parti d-dejqa ta' Triq San Mikiel.

4.8.10 Il-Kunsill kien infurmat li saret applikkazjoni għal proġett li jiġi ffinanzjat mill-Unjoni Ewropeja mmirat għaż-żgħażagħ u li ser ikollu lil lokalita mill-Polonja bħal l-*lead partner.*

4.8.11 Kien hemm qbil li jinġiebu kwotazzjoniijiet għal *presini* sabiex jitqassmu lil familji Żrieraq.

4.8.12 Kien hemm qbil li f'dan l-istadju tigi diskussa l-aġġudikazzjoni ta' offerta numru MA67/01/08 għal xogħlijiet ta' bankini, *culverts* u xogħlijiet anċillari.

4.8.13 Il-Kunsill kien infurmat illi wara li saret laqgħa mal-offerent *Silvar Constructions* hekk kif kien propost mill-Perit tal-Kunsill, u fejn dan l-offerent kien qabel li jraħħas l-prezzijiet tal-offerta b'25%, il-Kunsill kien ingħata l-parir mid-Direttur, Gvern Lokali illi jrid ukoll jiltaqa mal-offerent l-ieħor, *Polidano Brothers.*

4.8.14 Il-Kunsill kien iltaqa wkoll ma' *Polidano Brothers*, li kien iċċara bil-miktub li s-somma fissa li kien talab għal xogħlijiet minimi kienet se tiġi rtirata.

4.8.15 Kien għalhekk li tqabbad il-Perit tal-Kunsill sabiex iħejji rapport ieħor dwar l-aġġudikazzjoni tal-offerta li jinsab aness ma' dawn il-minuti bħala dokument '4O'.

4.8.16 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ressaq din il-mozzjoni:

*4.8.17 "Il-Kunsill qabel il jaġġudika l-offerta numru MA67/01/08 għal xogħlijiet fuq bankini, culverts u xogħlijiet anċillari lil Polidano Brothers Limited, peress li mir-rapport tekniku tal-Perit tal-Kunsill jirrizulta li dawn huma 16% orħos mill-offerent l-ieħor fix-xogħlijiet li huma l-aktar rikjesti mill-Kunsill."*

4.8.18 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Kenneth Farrugia u għaddiet unanimament.

### *4.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Pagamenti*

4.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti (anessi bħala dokument '4M' u '4N'), l-kont tal-*Petty Cash* għax-xahar ta' Ġunju, 2008 ( aness bħala dokument '4P'), ħlas għal *overtime* għal Mejju, 2008 (aness dokument '4Q') talba għal rimborż tal-ispejjeż tal-Kunsillier Claudio Zammit (aness dokument '4R'), lil Kunsillier Raymond Grixti (aness dokument '4S'), lis-Segretarju Eżekuttiv (aness dokument '4T') u lil ħaddiem tal-IPSL Martin Falzon (aness dokument '4U').

4.9.2 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ressaq din il-mozzjoni:

4.9.3 *"B'riżultat tad-diskussjoni li saret il-Kunsill japprova l-iskedi ta' pagamenti għat-total ta' €60991.56c, ħlas lura tal-Petty Cash għal ammont ta' €100.76c , ħlas ta' overtime ta' €764.28c, r-rimborż lura ta' spejjeż li għamlu il-Kunsillier Claudio Zammit ta' €20.00c, il-Kunsillier Raymond Grixti ta' €20.00c, is-Segretarju Eżekuttiv ta' €36.90c u l-impjegat tal-IPSL Martin Falzon ta' €36.00c"*

4.9.4 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Kenneth Farrugia u għaddiet *nem.con.*

4.9.5 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fil-9.55 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum __ ta' Awissu, 2008

Silvio Izzi Savona
**Sindku**

Adrian Mifsud
**Segretarju Eżekuttiv**